**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 18 ta' Novembru, 2015**

Talba Nru: 276/2014JB

Numru 4

**360 Food Imports Limited**

***vs***

**Mario Degabriele**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar id-29 ta' April 2014 li jaqra' hekk:

> Illi s-socjeta esponenti timporta u tbiegh lokalment merkanzija relatata mal-ikel u x-xorb;
>
> Illi l-konvenut jopera hanut taht l-isem ta' Superprice Self Service u ordna minghand is-socjeta esponenti numru ta' merkanzija;
>
> Illi s-socjeta attrici ikkonsenjat il-merkanzija kollha rikjesta u l-konvenut qatt ma oggezzjona dwar il-kwalita jew il-kwantita tal-merkanzija ikkonsenjata u qatt ma oggezzjona ghall-invoices mahruga u dan hekk kif ser jigi ppruvata ahjar waqt it-trattazzjoni;
>
> Illi l-konvenut jinsab debitur lejn is-socjeta esponenti fl-ammont ta' tlett mija u zewg euro u tnejn u disghin centezmu (€302.92) rapprezentanti prezz ta' merkanzija ordnata, kkonsenjata w accettata mill-konvenut.
>
> Ghaldaqstant is-socjeta esponenti umilment titlob li dan l-Onorabbli Tribunal jghogbu jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u zewg euros u tnejn u disghin centezmu (€302.92) liema ammont huwa dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.
>
> Bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet mill-4 ta' Dicembru 2012 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-10 ta' Gunju 2014;

Ra li fl-istess seduta it-Tribunal awtorizza li n-notifika ssir bil-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni stante li sa dak in-nhar il-Konvenut kien ghadu mhux notifikat bl-atti relattivi;

Ra l-atti minn fejn jirrizulta li l-Konvenut gie debitament notifikat bl-avvizi tat-talba u tas-smiegh relattivi;

Ra li ghad li notifikat bl-atti, il-Konvenut naqas milli jdahhal risposta kif ukoll naqas milli jidher ghas-smiegh;

Sema' x-xhieda;

Ra l-atti ud-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi espressament:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita għas-smigħ tal-kawża, id-disposizzjonijet li ġejjin għandhom jgħoddu:
>
> (b) jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u ddisposizzjonijet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenut naqas milli jidher ghas-smiegh u jikkontesta t-talba. Mill-banda 'l ohra, is-Socjeta Attrici, permezz tar-rapprezentant taghha Dr Jonathon Abela, li xehed bil-gurament, irnexxielha tipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €302.92 bl-imghax legali skond il-ligi. L-ispejjez kollha tal-proceduri jkunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*